VOICE OF THE WORKERS

11 ta' Marzu 2016

Għażiż Sylvia,

Hawn taħt huma l-proposti ta' *UĦM Voice of the Workers* b'reazzjoni għad-dokument: *The transformation of the equality framework extending to all spheres of life* kif preżentat minn Silvan Agius, *Policy Coordinator* (*Human Rights*) fi ħdan il-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, l-Affarijiet tal-Konsumatur u l-Libertajiet Ċivili.

- **Għandu jsir *impact assessment* dwar din il-liġi u kif din se timpatta l-postijiet tax-xogħol. In vista tar-rwol li jista' jkollhom terzi persuni f'każijiet ta' diskriminazzjoni, il-liġi trid tiġi emendata sabiex terzi persuni jkunu esposti għall-penali bl-istess mod li l-Prinċipali ikun;**
- **Minkejja l-importanza li jkollna infurzar u deterrent ċar fil-penali, għandu jkun hemm tagħrif u edukazzjoni fuq pjan nazzjonali dwar il-liġijiet li se jidħlu fis-seħħ;**
- **Għandu jkun hemm struttura ċara ta' kif wieħed jirrapporta diskriminazzjoni;**

UĦM
Voice of the Workers
St Thomas Str.
Floriana FRN 1123 Malta
T: (+356) 2590 5000
E: info@uhm.org.mt

- **Il-proposta preżenti ma tikkwalifikax biżżejjed fejn jidħlu r-rekwiżiti u l-esperjenza li membru tal-Kummissjoni għandu jkollu. Il-*UHM Voice of the Workers* tisħaq li l-membri tal-Kummissjoni għandu jkollhom esperjenza u tagħrif partikulari dwar il-liġijiet relatati;**
- **Il-Kummissjoni kollha għandha tiġi nominata minn żewġ terzi tal-Kamra tar-Rappreżentanti;**
- **Mard ieħor bħal depressjoni għandha wkoll tiġi mniżżla;**
- **Id-diskriminazzjoni ġeografika għandha tiġi inkluża – referenza partikulari qed issir fir-rigward tar-reġjun ta' Għawdex;**
- **Għandu jkun hemm terminu ta' żmien entru liema l-każijiet quddiem il-Kummissjoni għandhom jiġu deċiżi;**
- **Għandu jkun hemm distinzjoni ċara bejn il-kompetenza bejn it-Tribunal Industrijali u l-Kummissjoni;**
- **Għandu jkun hemm terminu ta' żmien fuq l-appell;**
- **Irid ikun hemm diskussjoni dwar il-Liġi tal-Ugwaljanza;**
- **Għandha tiġi introdotta entita' li jkollha d-dritt li tinvestiga u tiddeċiedi fuq l-ugwaljanza u d-diskriminazzjoni;**

Tislijiet,

Hermann Micallef

Assistent Personali tal-Kap Eżekuttiv